MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 2413/2003

**Charles Grech & Company Limited**

**Vs**

**Alfred Zahra f'ismu proprju u ezercjenti l-kummerc taht l-isem "The Blarney Stone"**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm340.31c (tlett mija w erbghin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu) rapprezentanti hlas fuq xorb u merce simili debitament ikkonsenjat lill-konvenut fuq ordni tieghu stess, u mhux imhallas.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm340.31c (tlett mija w erbghin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------